SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla)

9 ta' Ġunju 2016*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Politika agrikola komuni — Sistema integrata ta' ġestjoni u ta' kontroll dwar ċerti skemi ta' għajnuna — Regolament (KE) Nru 1782/2003 — Skema ta' pagament uniku — Artikoli 43 u 44 — Drittijiet għall-pagament ibbażati fuq iż-żoni — Ettari eliġibbli għall-benefiċċju tal-għajnuna għaż-żona — Mergħat permanenti — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta l-eliġibbiltà taż-żoni ta' mergħat permanenti li jeċċedu ż-żoni għall-għalf inizjalment meħuda inkunsiderazzjoni għall-istabbiliment tad-drittijiet għall-pagament għal kundizzjonijiet ta' użu għall-bżonnijiet ta' trobbija li huma proprji għar-razzett"

Fil-Kawżi magħquda C-333/15 u C-334/15,

li għandha bħala suġġett talbiet għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mit-Tribunal Supremo (qorti suprema, Spanja), permezz ta' deċiżjonijiet tat-22 ta' Mejju 2015, li waslu fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-6 ta' Lulju 2015, fil-proċeduri

María del Pilar Planes Bresco

vs

Comunidad Autónoma de Aragón,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla),

komposta minn D. Šváby, President tal-Awla, J. Malenovský u M. Vilaras (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għall-Gvern Spanjol, minn A. Rubio González, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn J. Guillem Carrau u H. Kranenborg, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2016,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol.

Sentenza

1 It-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-Artikoli 29, 43 u 44 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003, tad-29 ta' Settembru 2003, li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 40, p. 269), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2006, tad-19 ta' Diċembru 2006 (ĠU 2006, L 384, p. 8) (iktar 'il quddiem, ir-"Regolament Nru 1782/2003").

2 Dawn it-talbiet tressqu fil-kuntest ta' żewġ tilwimiet bejn María del Pilar Planes Bresco, bidwi, u l-Comunidad Autónoma de Aragón (komunità awtonoma ta' Aragón, Spanja), rigward il-modalitajiet ta' determinazzjoni taż-żona tar-razzett tagħha li hija eliġibbli għall-benefiċċju tal-għajnuna unika għaż-żona prevista mir-Regolament Nru 1782/2003 għal, rispettivament, il-ġuti tas-snin 2007 u 2008.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Ir-Regolament Nru 1782/2003

3 Il-premessa 4 tar-Regolament Nru 1782/2003 tispeċifika:

"(4) Billi l-mergħa permanenti għandha effett pożittiv ambjentali, hu xieraq li jkunu adottati miżuri biex jinkoraġixxu ż-żamma ta' mergħat permanenti eżistenti biex tiġi evitata konverżjoni massiva f'art li tinħarat."

4 Il-premessa 24 tar-Regolament Nru 1782/2003 tindika:

"Tkabbir fil-kompetittività tal-agrikoltura tal-Komunità u l-promozzjoni tal-kwalità ta' l-ikel u ta' livelli ambjentali neċessarjament iġibu magħhom tnaqqis fil-prezzijiet istituzzjonali tal-prodotti agrikoli u żjieda fil-prezz tal-produzzjoni għall-azjendi agrikoli fil-Komunità. Biex jinkisbu dawn l-għanijiet u biex ikun hemm promozzjoni ta' agrikoltura sostenibbli u orjentata iktar lejn is-suq, hi neċessarja li tkun kompletata il-bidla mill-appoġġ lill-produzzjoni għall-appoġġ lill-produttur billi tiġi ntrodotta sistema ta' dħul separat għal kull razzett. Waqt li l-imsemmija separazzjoni ma tbiddilx l-ammont attwali li jitħallas lill-bdiewa, iżżid b'mod sinifikanti l-effikaċja tad-dħul f'forma ta' għajnuna. Hu għalhekk xieraq li l-pagament uniku lir-razzett ikun suġġett għall-kondizzjoni li jkun hemm 'cross-compliance' ma' l-ambjent, sigurtà ta' l-ikel, saħħa u benesseri ta' l-annimali, kif ukoll il-manteniment tar-razzett f'kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba."

5 L-Artikolu 2 tal-imsemmi regolament jiddefinixxi l-kunċetti ta' bidwi, ta' razzett u ta' attività agrikola bil-mod li ġej:

"a) 'bidwi' ifisser persuna naturali jew legali, jew grupp ta' persuni naturali jew legali, hu x'inhu l-istatus legali mogħti lil dan il-grupp u lill-membri tiegħu mil-liġi nazzjonali, li l-ażjenda tiegħu tinsab f'territorju tal-Komunità, kif imsemmi fl-Artikolu 299 tat-Trattat, u li jeserċita attività agrikola,

b) 'ażjenda [razzett]' tfisser il-'units' kollha ta' produzzjoni immexxija minn bidwi li jinsab fit-territorju ta' l-istess Stat Membru,

ċ) ‘attività agrikola’ tfisser il-produzzjoni, trobbija jew tkabbir ta’ prodotti agrikoli inklużi l-ħsad, produzzjoni tal-ħalib, trobbija ta’ annimali u ż-żamma ta’ annimali għal skop ta’ biedja, jew il-manteniment ta’ l-art f’kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba kif stabbilit taħt l-Artikolu 5.”

6 L-Artikolu 5 tal-istess regolament jipprevedi:

“1. L-Istati Membri għandhom jiżguraaw li l-art agrikola kollha, speċjalment art li m’għadiex tintuża għall-skopijiet ta’ produzzjoni, tinżamm f’kondizzjoni agrikola and ambjentali tajba. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu, fuq livell nazzjonali jew reġjonali, il-kondizzjonijiet minimi għall-kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba fuq il-bażi tal-qafas stabbilit fl-Anness IV, wara li jittieħed kont tal-karatteristiċi speċifiċi taż-żoni konċernati [...]

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-art li kienet b’mergħa permanenti fid-data mniżżla fl-applikazzjonijiet għall-għajnuna għaż-żona ta’ l-2003 tinżamm taħt mergħa permanenti.

Madankollu Stat Membru jista’, f’ċirkustanzi ġustifikati, jidderoga mill-ewwel subparagrafu, sakemm jieħu azzjoni biex ma jħallix li jkun hemm tnaqqis sinifikanti fl-‘area’ totali tiegħu ta’ mergħa permanenti.

[...]”

7 L-Artikolu 29 tar-Regolament Nru 1782/2003 jipprevedi:

“Mingħajr preġudizzju għal xi dispożizzjonijiet speċifiċi fi skemi individwali ta’ appoġġ, m’għandu jsir l-ebda pagament lill-benefiċjarji li jinstabu li ħolqu artifiċjalment il-kondizzjonjiet mitluba biex jakkwistaw tali pagamenti bl-intenzjoni li jiksbu vantaġġ kontra l-għanijiet ta’ dik l-iskema ta’ appoġġ.”

8 L-Artikolu 37(1) tal-imsemmi regolament jipprevedi:

“L-ammont ta’ referenza għandu jkun l-medja ta’ tlett snin ta’ l-ammonti totali ta’ pagamenti, li bidwi ġie mogħti taħt l-iskemi ta’ appoġġ imsemmija fl-Anness VI, kalkulati u aġġustati skond l-Anness VII, f’kull sena kalendarja tal-perjodu ta’ referenza msemmi fl-Artikolu 38.

[...]”

9 L-Artikolu 38 tal-istess regolament jispeċifika li “l-perjodu ta’ referenza għandu jinkludi s-snin kalendarji 2000, 2001 u 2002”.

10 L-Artikolu 43 tar-Regolament Nru 1782/2003, intitolat “Determinazzjoni tad-drittijiet għall-pagament”, jipprevedi:

“1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 48, bidwi għandu jirċievi dritt ġħall-pagament għal kull ettaru li jiġi kalkulat bid-diviżjoni ta’ l-ammont ta’ referenza bil-medja ta’ tlett snin tan-numru ta’ ettari kollha li fil-perjodu ta’ referenza taw id-dritt għall-pagamenti diretti mniżżla fl-Anness VI.

In-numru totali ta’ drittjiet għall-pagament għandu jkun ugwali għan-numru medju ta’ ettari fuq imsemmi.

[...]

2. In-numru ta’ ettari msemmi fil-paragrafu 1 għandu jinkludi wkoll:

[...]

b) iż-żona kollha għall-għalf fil-perjodu ta' referenza.

3. Għall-iskop tal-paragrafu 2(b) ta' dan l-Artikolu, 'żona għall-għalf' tfisser iż-żona ta' l-azjenda li matul is-sena kalendarja hi disponibbli [...] għat-trobbija ta' l-annimali inklużi żoni użati għal iktar minn skop wieħed u żoni li kienu suġġetti għall-kultivazzjoni mħallta. Iż-żona għall-għalf m'għandhix tinkludi:

— bini, imsaġar, għadajjar, mogħdijiet,

— żoni użati għall-prodotti oħra eligibbli għall-għajnuna tal-Komunità jew għall-prodotti permanenti jew prodotti ta' ortikultura,

— żoni li jikkwalifikaw għas-sistema ta' appoġġ ipprovduta għall-produtturi ta' ċerti prodotti li jinħartu, użati għall-iskema ta' għajnuna għall-għalf niexef jew suġġetti għall-iskema ta' art imwarrba tal-Komunità.

4. Id-drittijet għall-pagament għal kull ettaru m'għandhomx jiġu modifikati ħlief jekk ipprovdut mod ieħor."

11 L-Artikolu 44 tar-Regolament Nru 1782/2003, intitolat "Użu ta' drittijiet għall-pagament", jipprevedi:

"1. Kull dritt għall-pagament akkumpanjat b'ettaru eliġibbli għandu jagħti dritt għall-pagament ta' l-ammont iffissat mid-dritt ta' pagament.

2. 'Ettaru eliġibbli' ifisser kull żona agrikola ta' l-azjenda meħuda minn art li tinħarat u mergħa permanenti ħlief żoni kkultivati bi prodotti permanenti, foresti jew żoni użati għall-attivitajiet mhux agrikoli.

[...]

3. Il-bidwi għandu jiddikjara l-biċċiet ta' art li jikkorrispondu ma' l-ettaru eliġibbli li jakkumpanja kull dritt għall-pagament. Ħlief fil-każ ta' 'force majeure' jew ċirkustanzi eċċezzjonali, dawn il-biċċiet ta' art għandhom ikunu għad-dispożizzjoni tal-bidwi għal mill-inqas perjodu ta' 10 xhur, li jibdew minn data ffissata mill-Istat Membru, imma mhux qabel l-1 ta' Settembru tas-sena kalendarja ta' qabel is-sena meta ġiet sottomessa l-applikazzjoni għall-parteċipazzjoni fl-iskema unika ta' pagament.

4. L-Istati Membri jistgħu, f'ċirkustanzi ġustifikati, jawtorizzaw lill-bidwi jimmodifika d-dikjarazzjoni tiegħu bil-kondizzjoni li jirrispetta n-numru ta' ettari li jikkorrispondu mad-drittijet tiegħu għall-pagament u l-kondizzjonijiet għall-għoti tal-pagament uniku fiż-żona konċernata."

Ir-Regolamenti (KE) Nru 795/2004 u (KE) Nru 796/2004

12 L-Artikolu 2(a) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 795/2004, tal-21 ta' April 2004, li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-iskema ta' ħlas waħdieni li hemm provvediment dwaru fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 44, p. 226, u rettifika ĠU 2004, L 291, p. 18), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1974/2004, tad-29 ta' Ottubru 2004 (ĠU L 306M, p. 21) (iktar 'il quddiem, ir-"Regolament Nru 795/2004"), jipprevedi:

"Għall-finijiet tat

— Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u ta' dan ir-regolament, id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom jgħoddu:
  a) 'żona agrikola' għandha tfisser iż-żona totali kollha meħuda, minn art li tinħadem [tinħarat], mergħa permanenti, u uċuh tar-raba permanenti."

13 L-Artikolu 2(e) tar-Regolament Nru 795/2004 jispeċifika x'għandu jinftiehem bit-terminu "mergħa permanenti" billi jirreferi għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 796/2004, tal-21 ta' April 2004, li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' konformità, modulazzjoni u amministrazzjoni integrata u sistema ta' kontroll kif hemm provvediment dwarhom fir-Regolament tal-Kunsill Nru 1782/2003 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 44, p. 243, u rettifiki ĠU 2005, L 37, p. 22, u ĠU 2006, L 144, p. 30).

14 L-Artikolu 2(2) tar-Regolament Nru 796/2004 jiddefinixxi "mergħa permanenti" fis-sens li "art li tintuża għat-tkabbir ta' ħaxix jew għalf ieħor fil-forma ta' ħaxix b'mod naturali (biż-żriegħ waħdu) jew permezz ta' koltivazzjoni (miżrugħ) u li mhux inkluż fir-rotazzjoni tal-uċuh tar-raba ta' l-azjenda għal ħames snin jew aktar".

Id-dritt Spanjol

15 It-tlettax-il sezzjoni tal-Orden del Departamento de Agricultura y Alimentación del Gobierno de Aragón, por la que se establecen las medidas para la solicitud, tramitación y concesión de la ayuda desacoplada de régimen de pago único, las ayudas acopladas por superficie y por ganado para la campaña 2007/2008 (año 2007), las medidas para declaración de otro tipo de superficies, las medidas para la solicitud de la indemnización compensatoria, las ayudas agroambientales y las medidas para la solicitud de las ayudas para la forestación de tierras agrícolas, para el año 2007 [digriet tal-Ministeru tal-Agrikoltura u tal-Ikel tal-komunità awtonoma ta' Aragón li jistabbilixxi għas-sena 2007 il-miżuri għat-talbiet, l-ipproċessar u l-għoti tal-għajnuna diżakkoppjata mill-iskema ta' pagament uniku, l-għajnuna skont iż-żona u skont l-annimali għall-perijodu 2007/2008 (sena 2007), il-miżuri għad-dikjarazzjonijiet ta' tipi oħra ta' żoni, il-miżuri għat-talbiet għal allowance kumpensatorja, l-għajnuna agroambjentali u l-miżuri għat-talbiet għal għajnuna għall-afforestazzjoni ta' art agrikola], tal-24 ta' Jannar 2007 (*Boletín Oficial de Aragón*, Nru 13, tal-31 ta' Jannar 2007, p. 1310, iktar 'il quddiem, id-"digriet tal-24 ta' Jannar 2007"), jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Ettari eliġibbli [għall-benefiċċju tal-għajnuna], ifissru:

a) kull żona agrikola tar-razzett meħuda minn art li tinħarat, żoni ta' ħops, siġar taż-żebbuġ jew busketti tas-siġar taż-żebbuġ, kif ukoll mergħat permanenti.

Biss il-mergħat permanenti ta' rziezet li ż-żona għall-għalf tagħhom tkun ittieħdet inkunsiderazzjoni għall-għoti ta' drittijiet ta' pagament uniku, fil-limitu ta' żona massima li ma taqbiżx il-medja taż-żona għall-għalf meħuda inkunsiderazzjoni għall-għoti ta' drittijiet għall-pagament uniku. Il-mergħat permanenti ddikjarati lil hinn mil-limitu indikat f'dan il-paragrafu ma humiex ammissibbli, peress li huwa kkunsidrat li l-benefiċjarju jkun ħoloq artifiċjalment il-kundizzjonijiet sabiex jibbenefika mill-pagament, skont l-Artikolu 29 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003.

[...]"

16 Is-sittax-il sezzjoni tal-Orden del Departamento de Agricultura y Alimentación del Gobierno de Aragón, por la que se establecen las medidas para la solicitud, tramitación y concesión de la ayuda desacoplada de régimen de pago único, la solicitud de asignación de derechos de pago único con cargo a la reserva nacional, las ayudas acopladas por superficie y por ganado para la campaña 2008/2009 (año 2008), las medidas para declaración de otro tipo de superficies, las medidas para la solicitud de la indemnización compensatoria, las ayudas agroambientales y las medidas para la

solicitud de las ayudas para la forestación de tierras agrícolas, para el año 2008 [digriet tal-Ministeru tal-Agrikoltura u tal-Ikel tal-komunità awtonoma ta' Aragón li jistabbilixxi għas-sena 2008 il-miżuri għat-talbiet, l-ipproċessar u l-għoti tal-għajnuna diżakkoppjata mill-iskema ta' pagament uniku, it-talba għall-għoti ta' drittijiet għall-pagament uniku taħt ir-riżerva nazzjonali, l-għajnuna skont iż-żona u skont l-annimali għall-perijodu 2008/2009 (sena 2008), il-miżuri għad-dikjarazzjonijiet ta' tipi oħra ta' żoni, il-miżuri għat-talbiet għal allowance kumpensatorja, l-għajnuna agroambjentali u l-miżuri għat-talbiet għal għajnuna għall-afforestazzjoni ta' art agrikola], tal-24 ta' Jannar 2008 (*Boletín Oficial de Aragón*, Nru 12, tat-30 ta' Jannar 2008, p. 956), tinkludi dispożizzjonijiet identiċi għal dawk tas-sezzjoni 13(1)(a) tad-digriet tal-24 ta' Jannar 2007, ikkompletati b'paragrafu aħħari li jipprevedi:

"Il-paragrafu preċedenti ma japplikax jekk il-bidwi juri li fid-data tat-talba huwa proprjetarju ta' razzett u li huwa juża l-mergħat permanenti ddikjarati sabiex jitma annimali ta' dan ir-razzett."

Il-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari

Kawża C-333/15

17 Fit-30 ta' April 2007, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ppreżentat, fost l-oħrajn, applikazzjoni intiża għal pagament uniku taħt ir-Regolament Nru 1782/2003, u għal dan l-għan iddikjarat 48.47 ettari bħala "ettari eliġibbli li jiġġustifikaw l-għoti ta' għajnuna normali".

18 B'deċiżjoni tal-11 ta' Ġunju 2007, il-Ministeru tal-Agrikoltura tal-komunità awtonoma ta' Aragón madankollu wettaq aġġustament taż-żona ddikjarata mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, u naqqasha għal 28.70 ettari għar-raġuni li "l-mergħat permanenti kienu jeċċedu ż-żona għall-għalf". Mit-63.48 dritt għall-pagament li kellha r-rikorrenti fil-kawża prinċipali, 34.78 ġew eskluży għaliex tqiesu li huma "mhux użati".

19 Fis-26 ta' Ġunju 2009, il-Ministeru tal-Agrikoltura tal-komunità awtonoma ta' Aragón ċaħad l-appell ġerarkiku ppreżentat mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali kontra l-imsemmija deċiżjoni, billi sostna li s-sezzjoni 13 tad-digriet tal-24 ta' Jannar 2007 kienet tapplika għall-applikazzjoni tagħha.

20 B'sentenza tat-13 ta' Marzu 2013, it-Tribunal Superior de Justicia de Aragón (qorti superjuri tal-ġustizzja ta' Aragón, Spanja) ċaħdet l-azzjoni ġudizzjarja mressqa mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali kontra d-deċiżjoni tas-26 ta' Ġunju 2009, billi qieset li d-digriet tal-24 ta' Jannar 2007 applikat mill-Ministeru tal-Agrikoltura tal-komunità awtonoma ta' Aragón kien kompletament konformi mad-dritt tal-Unjoni.

Kawża C-334/15

21 Fit-22 ta' April 2008, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ppreżentat mill-ġdid applikazzjoni intiża għal pagament uniku taħt ir-Regolament Nru 1782/2003 u, fost l-oħrajn, iddikjarat 63.48 ettari bħala "ettari eliġibbli li jiġġustifikaw l-għoti ta' għajnuna normali".

22 B'deċiżjoni tal-25 ta' Novembru 2008, il-Ministeru tal-Agrikoltura tal-komunità awtonoma ta' Aragón wettaq mill-ġdid aġġustament taż-żona ddikjarata mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, u naqqasha għal 29.01 ettari għar-raġuni li "l-mergħat permanenti kienu jeċċedu ż-żona għall-għalf". Mit-63.48 dritt għall-pagament li kellha r-rikorrenti fil-kawża prinċipali, 34.47 ġew eskluży għaliex tqiesu li huma "mhux użati".

23 Fit-2 ta' Marzu 2010, il-Ministeru tal-Agrikoltura tal-komunità awtonoma ta' Aragón ċaħad l-appell ġerarkiku ppreżentat mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali kontra l-imsemmija deċiżjoni, billi sostna li s-sezzjoni 13 tad-digriet tal-24 ta' Jannar 2007 kienet tapplika għall-applikazzjoni tagħha.

24 B'sentenza tal-5 ta' April 2013, it-Tribunal Superior de Justicia de Aragón (qorti superjuri tal-ġustizzja ta' Aragón, Spanja) ċaħdet l-azzjoni ġudizzjarja mressqa mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali kontra d-deċiżjoni tat-2 ta' Marzu 2010, billi qieset li d-digriet tal-24 ta' Jannar 2007 applikat mill-Ministeru tal-Agrikoltura tal-komunità awtonoma ta' Aragón kien kompletament konformi mad-dritt tal-Unjoni.

Id-domandi preliminari

25 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ppreżentat appelli kontra s-sentenzi tat-Tribunal Superior de Justicia de Aragón (qorti superjuri tal-ġustizzja ta' Aragón) tat-13 ta' Marzu u tal-5 ta' April 2013 quddiem it-Tribunal Supremo (qorti suprema), billi invokat, b'mod partikolari, ksur tal-Artikolu 44 tar-Regolament Nru 1782/2003 kif ukoll tar-Regolament Nru 795/2004. B'mod partikolari, hija ssostni li dawn ir-regolamenti jeżiġu li kemm l-art li tinħarat kif ukoll il-mergħat permanenti jitqiesu li huma ettari eliġibbli, mingħajr ma jistabbilixxu limitu, u huma biss iż-żoni kkoltivati bi prodotti permanenti u l-foresti jew iż-żoni użati għal attivitajiet mhux agrikoli li huma esklużi minn din il-kategorija. L-amministrazzjoni ma tistax, għaldaqstant, teskludi parti mill-ettari li hija ddikjarat għar-raġuni li huma jikkostitwixxu mergħat permanenti u d-digriet tal-24 ta' Jannar 2007 għaldaqstant imur kontra r-Regolament Nru 1782/2003 sa fejn ineħħi l-essenza tal-kunċett ta' ettaru eliġibbli.

26 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li t-Tribunal Supremo (qorti suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin, redatti f'termini identiċi fil-Kawżi C-333/15 u C-334/15:

"1)

L-Artikoli 43 u 44 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003, tad 29 ta' Settembru 2003, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li teskludi mill-kategorija ta' ettari eliġibbli s-superfiċi kollha ta' mergħat permanenti ddikjarati minn bidwi li jeċċedu s-superfiċi li preċedentement kienu ttieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġi ddeterminat l-ammont ta' drittijiet normali dovuti lilu, li tissuġġetta l-inklużjoni tal-imsemmija superfiċi, u għalhekk is-sostituzzjoni ta' artijiet ta' koltivazzjoni b'mergħat għall-kundizzjoni li dawn tal-aħħar ikunu effettivament iddedikati għat-trobbija tal-annimali matul is-sena li fiha l-bidwi jixtieq jibbenefika mid-dritt li jirċievi l-għajnuna?

Fil-każ li r-risposta għad-domanda preċedenti tkun fin-negattiv,

2) L-Artikolu 29 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003, tad 29 ta' Settembru 2003, li jeskludi l-pagamenti taħt l-iskemi ta' għajnuna lill-istess benefiċjarji tagħhom 'li jinstabu li ħolqu artifiċjalment il-kondizzjonjiet mitluba biex jakkwistaw tali pagamenti bl-intenzjoni li jiksbu vantaġġ kontra l-għanijiet ta' dik l-iskema ta' appoġġ', għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jippermettix lill-Istati Membri jadottaw dispożizzjonijiet ġenerali li jnaqssu n-numru ta' 'ettari eliġibbli' (ta' mergħat permanenti), billi jiddefinixxi oġġettivament sitwazzjonijiet ġenerali li fihom jitqies li l-benefiċjarju ħoloq kundizzjonijiet b'mod artifiċjali sabiex jikseb il-pagament mingħajr ma jkun wera b'mod konkret u b'rabta ma' bidwi speċifiku, l-attività mwettqa mill-imsemmi bidwi u l-aġir ta' dan tal-aħħar?"

27 B'deċiżjoni tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-28 ta' Lulju 2015, il-Kawżi C-333/15 u C-334/15 ingħaqdu flimkien għall-finijiet tal-proċedura bil-miktub u orali, kif ukoll tas-sentenza.

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

28 Bl-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk ir-Regolament Nru 1782/2003 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tostakola t-teħid inkunsiderazzjoni, bħala ettari eliġibbli għall-benefiċċju tal-għajnuna għaż-żona għal ġuta, żoni ta' mergħat permanenti ddikjarati minn bidwi li jeċċedu ż-żona ta' mergħat permanenti meħuda inkunsiderazzjoni inizjalment fid-determinazzjoni tal-ammont tad-drittijiet tiegħu għall-pagament għal kull ettaru, sakemm dan tal-aħħar ma jistabbilixxix li l-imsemmija żoni effettivament jintużaw għall-bżonnijiet ta' trobbija li huma proprji għar-razzett matul l-imsemmija ġuta.

29 Qabel kollox għandu jiġi speċifikat li minkejja li r-Regolament Nru 1782/2003 tħassar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009, tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (ĠU 2009, L 30, p. 16), dawn huma madankollu dispożizzjonijiet li, fid-dawl tad-data tal-fatti fil-kawża prinċipali, huma applikabbli.

30 Imbagħad għandu jitfakkar li, skont ir-Regolament Nru 1782/2003, kull bidwi għandu dritt kull sena, bil-kundizzjoni li jiġu osservati numru ta' normi, rekwiżiti fil-qasam ta' ġestjoni tajba u ta' kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba u sakemm jitwettqu formalitajiet ta' dikjarazzjoni, għall-ħlas ta' għajnuna għaż-żona, li l-ammont tagħha jiġi ddeterminat skont id-drittijiet għall-pagament għal kull ettaru li jkunu ġew attribwiti lilu mad-dħul fis-seħħ tal-iskema stabbilita permezz tal-imsemmi regolament.

31 Skont l-Artikolu 43(1) tar-Regolament Nru 1782/2003, id-dritt għall-pagament għal kull ettaru ta' kull bidwi jiġi kkalkolat bid-diviżjoni tal-ammont ta' referenza, jiġifieri l-medja tal-ammonti ta' għajnuna diretta mogħtija lilu matul il-perijodu ta' referenza ta' tliet snin, jiġifieri s-snin 2000 sa 2002, bin-numru medju ta' ettari li ġġeneraw din l-għajnuna matul l-istess perijodu, u n-numru totali ta' drittijiet għall-pagament għandu jkun ugwali għal dan in-numru medju ta' ettari. L-Artikolu 43(2) ta' dan ir-regolament jispeċifika li ż-żoni kollha għall-għalf matul il-perijodu ta' referenza huma inklużi fil-kalkolu tan-numru medju ta' ettari meħuda inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tad-drittijiet għall-pagament.

32 Skont l-Artikolu 44(1) tar-Regolament Nru 1782/2003, kull dritt għall-pagament marbut ma' ettaru eliġibbli għall-benefiċċju tal-għajnuna għaż-żona għandu jagħti dritt għall-pagament tal-ammont iffissat mid-dritt. L-Artikolu 44(2) ta' dan ir-regolament jipprevedi li kull żona agrikola tar-razzett tal-bidwi meħuda minn art li tinħarat u mergħat permanenti, bl-esklużjoni taż-żoni kkoltivati bi prodotti permanenti, foresti jew żoni użati għal attivitajiet mhux agrikoli, tikkostitwixxi ettaru eliġibbli għall-benefiċċju tal-għajnuna għaż-żona.

33 Għaldaqstant, u kif osservat l-Avukat Ġenerali fil-punt 25 tal-konklużjonijiet tagħha, sabiex iż-żoni ddikjarati minn bidwi bl-għan li tinkiseb l-għajnuna għaż-żona jkunu eliġibbli fis-sens tad-dispożizzjoni msemmija l-aħħar, huma għandhom jissodisfaw tliet kundizzjonijiet, jiġifieri, l-ewwel nett, huma għandhom jikkostitwixxu żona agrikola, it-tieni nett, huma għandhom jagħmlu parti mir-razzett tal-imsemmi bidwi u, it-tielet nett, ma jistgħux ikunu żoni kkoltivati bi prodotti permanenti, foresti jew żoni użati għal attivitajiet mhux agrikoli (ara s-sentenza tat-2 ta' Lulju 2015, Demmer, C-684/13, EU:C:2015:439, punt 54).

34 F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, l-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 795/2004 jiddefinixxi ż-żona agrikola bħala ż-żona totali kollha meħuda, minn art li tinħadem, mergħa permanenti, u uċuħ tar-raba' permanenti. L-Artikolu 2(2) tar-Regolament Nru 796/2004, li jsir riferiment għalih mill-Artikolu 2(e) tar-Regolament Nru 795/2004, jiddefinixxi, min-naħa tiegħu, il-"mergħat permanenti" bħala ż-żoni li jintużaw għat-tkabbir ta' ħaxix jew għalf ieħor fil-forma ta' ħaxix b'mod naturali (biż-żriegħ waħdu) jew permezz ta' koltivazzjoni (miżrugħ) u li ma humiex inklużi fir-rotazzjoni tal-uċuħ tar-raba' tar-razzett għal ħames snin jew iktar.

35 Minn dawn id-dispożizzjonijiet jirriżulta li l-klassifikazzjoni ta' "mergħat permanenti" u, għaldaqstant, ta' "żona agrikola" tiddependi mill-użu effettiv tal-art inkwistjoni u li żona għandha tiġi kklassifikata bħala agrikola meta, fost l-oħrajn, tintuża bħala mergħa permanenti (sentenza tal-14 ta' Ottubru 2010, Landkreis Bad Dürkheim, C-61/09, EU:C:2010:606, punt 37).

36 It-tieni nett, l-Artikolu 2(b) tar-Regolament Nru 1782/2003 jiddefinixxi r-razzett bħala l-"units" kollha ta' produzzjoni mmexxija minn bidwi u li jinsabu fit-territorju tal-istess Stat Membru, u l-Artikolu 2(1) ta' dan ir-regolament jiddefinixxi l-bidwi bħala, fost l-oħrajn, persuna fiżika jew ġuridika li r-razzett tagħha jkun jinsab fit-territorju tal-Unjoni, u li teżerċita attività agrikola.

37 Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet, f'dan ir-rigward, li ż-żoni agrikoli jagħmlu parti mir-razzett ta' bidwi meta dan tal-aħħar ikollu s-setgħa li jmexxi dawn għall-finijiet tal-eżerċizzju ta' attività agrikola, jiġifieri meta dan tal-aħħar ikollu, fir-rigward ta' dawn iż-żoni, awtonomija suffiċjenti għall-finijiet tal-eżerċizzju tal-attività agrikola tiegħu (ara s-sentenzi tal-14 ta' Ottubru 2010, Landkreis Bad Dürkheim, C-61/09, EU:C:2010:606, punti 58 u 62, kif ukoll tat-2 ta' Lulju 2015, Wree, C-422/13, EU:C:2015:438, punt 44, u Demmer, C-684/13, EU:C:2015:439, punt 58).

38 Għandu jiġi osservat li, fil-kuntest tat-tilwimiet fil-kawżi prinċipali, ma huwiex ikkontestat li l-ettari ddikjarati mir-rikorrenti sabiex tikseb l-għajnuna għaż-żona għall-ġuti tas-snin 2007 u 2008 jagħmlu parti miż-żona agrikola tar-razzett tagħha, u lanqas li ż-żoni ta' mergħat permanenti ddikjarati effettivament jaqgħu taħt din il-klassifikazzjoni. F'kull każ, hija l-qorti tar-rinviju li għandha twettaq il-verifiki neċessarji f'dan ir-rigward.

39 It-tielet nett, għandu jiġi enfasizzat, minn naħa, li r-Regolament Nru 1782/2003 ma jissuġġettax, kif jirriżulta mill-punt 30 ta' din is-sentenza, l-eliġibbiltà taż-żoni ta' mergħat permanenti ta' razzett għall-benefiċċju tal-għajnuna għaż-żona għall-kundizzjoni li huma jikkorrispondu għaż-żoni għall-għalf inizjalment meħuda inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tad-drittijiet għall-pagament tal-imsemmi razzett.

40 Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 2(ċ) tar-Regolament Nru 1782/2003 jiddefinixxi l-kunċett ta' attività agrikola fis-sens li din tikkonsisti b'mod partikolari fiż-żamma tal-art f'kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba, kif iddefiniti fl-Artikolu 5 ta' dan ir-regolament, u din l-attività tittieħed inkunsiderazzjoni bl-istess mod bħall-produzzjoni, it-trobbija jew it-tkabbir ta' prodotti agrikoli, inkluż il-ħsad, il-produzzjoni tal-ħalib, it-trobbija u ż-żamma tal-annimali għal skopijiet agrikoli.

41 L-Artikolu 5(1) tar-Regolament Nru 1782/2003 jipprevedi, b'dan l-għan, li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-art agrikola kollha, u b'mod partikolari dik li ma hijiex użata għal skopijiet ta' produzzjoni, tinżamm f'kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba. L-Artikolu 5(2) ta' dan ir-regolament jipprevedi, barra minn hekk, li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-art li kienet mergħa permanenti fid-data prevista għall-applikazzjonijiet għall-għajnuna għaż-żona fl-2003 tinżamm allokata għal dan l-użu.

42 F'dan ir-rigward, ir-Regolament Nru 796/2004 jiddefinixxi d-diversi obbligi intiżi għaż-żamma tal-mergħat permanenti li għandhom jiġu osservati kemm mill-Istati Membri kif ukoll mill-bdiewa. B'dan il-mod, l-Artikolu 3 ta' dan ir-regolament jipprevedi, b'mod partikolari, li l-għan li għandu jintlaħaq mill-Istati Membri huwa li tinżamm, fuq il-livell nazzjonali jew reġjonali, il-proporzjon bejn l-art taħt mergħa permanenti permanenti u ż-żona agrikola totali. L-Artikolu 4 tal-imsemmi

regolament iżid, b'mod partikolari, li fil-każ li l-imsemmija proporzjon jonqos għad-detriment ta' mergħat permanenti, l-Istat Membru kkonċernat għandu jimponi fuq il-bdiewa l-obbligu li ma jallokawx għal użu ieħor art taħt mergħa permanenti mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel.

43 Minn dan jirriżulta li ż-żoni ta' mergħat permanenti ta' razzett huma eliġibbli għall-benefiċċju tal-għajnuna għaż-żona ladarba jaqgħu taħt iż-żona agrikola tal-imsemmi razzett u li, kif osservat l-Avukat Ġenerali fil-punt 30 tal-konklużjonijiet tagħha, iż-żamma tagħhom f'kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba tkun tikkostitwixxi minnha nnifisha attività agrikola, u l-fatt li l-ħaxix jew għalf ieħor fil-forma ta' ħaxix, li, skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament Nru 796/2004, l-imsemmija żoni għandhom jiġu ddedikati għall-produzzjoni tagħhom, ma jintużawx direttament għall-bżonnijiet tat-trobbija proprji għar-razzett, huwa irrilevanti f'dan ir-rigward.

44 Din l-analiżi hija kkorroborata mill-għanijiet segwiti mir-Regolament Nru 1782/2003 u mir-rwol mogħti lill-mergħat permanenti fil-kuntest tat-twettiq ta' dawn l-għanijiet.

45 Fil-fatt, minn naħa, ir-Regolament Nru 1782/2003 jindika, fil-premessa 4 tiegħu, li l-mergħat permanenti għandhom effett pożittiv fuq l-ambjent u li għandhom jiġu adottati miżuri intiżi sabiex jinkoraġġixxu ż-żamma ta' mergħat permanenti eżistenti biex tiġi evitata l-konverżjoni massiva tagħhom f'art li tinħarat.

46 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-protezzjoni tal-ambjent, li tikkostitwixxi wieħed mill-għanijiet essenzjali tal-Unjoni, għandha titqies li hija għan li jagħmel parti mill-politika komuni fil-qasam tal-agrikoltura (sentenza tas-16 ta' Lulju 2009, Horvath, C-428/07, EU:C:2009:458, punt 29) u li hija, b'mod iktar speċifiku, tagħmel parti mill-għanijiet tal-iskema ta' pagament uniku (sentenza tal-14 ta' Ottubru 2010, Landkreis Bad Dürkheim, C-61/09, EU:C:2010:606, punt 39), kif jirriżulta mill-premessi 3, 21 u 24 tar-Regolament Nru 1782/2003.

47 Min-naħa l-oħra, ir-Regolament Nru 1782/2003 huwa intiż, kif jirriżulta mill-premessa 24 tiegħu, sabiex jissostitwixxi sistema ta' għajnuna diretta għall-produzzjoni li kienet tipprevali sa dak iż-żmien b'sistema ta' għajnuna diretta għall-irziezet, diżakkoppjata mill-produzzjoni u mħallsa direttament lill-bdiewa bħala suppliment għad-dħul tagħhom (ara s-sentenza tal-5 ta' Frar 2015, Agrooikosystimata, C-498/13, EU:C:2015:61, punt 40).

48 Għaldaqstant, iż-żoni ta' mergħat permanenti kollha li jaqgħu taħt iż-żona agrikola ta' razzett huma eliġibbli għall-benefiċċju tal-għajnuna għaż-żona fis-sens tal-Artikolu 44(2) tar-Regolament Nru 1782/2003, u din l-eliġibbiltà ma hijiex suġġetta għall-kundizzjoni li l-imsemmija żoni jikkorrispondu għaż-żoni għall-għalf inizjalment inklużi fil-kalkolu tan-numru medju ta' ettari meħud inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tad-drittijiet għall-pagament, u lanqas għall-kundizzjoni li ż-żoni ta' mergħat permanenti li jeċċedu l-imsemmija żoni għall-għalf effettivament jintużaw għall-bżonnijiet ta' trobbija proprji għar-razzett, sakemm jintużaw għal attività agrikola fis-sens ta' dan ir-regolament, u dan għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

49 Għaldaqstant, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li r-Regolament Nru 1782/2003 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tostakola t-teħid inkunsiderazzjoni, bħala ettari eliġibbli għall-benefiċċju tal-għajnuna għaż-żona għal ġuta, żoni ta' mergħat permanenti ddikjarati minn bidwi li jeċċedu ż-żona ta' mergħat permanenti meħuda inkunsiderazzjoni inizjalment fid-determinazzjoni tal-ammont tad-drittijiet tiegħu għall-pagament għal kull ettaru, sakemm dan tal-aħħar ma jistabbilixxix li l-imsemmija żoni effettivament jintużaw għall-bżonnijiet ta' trobbija li huma proprji għar-razzett matul l-imsemmija ġuta.

Fuq it-tieni domanda

50 Fid-dawl tar-risposta mogħtija għall-ewwel domanda, ma hemmx lok li tingħata risposta għat-tieni domanda, għaliex din tal-aħħar saret biss fil-każ ta' risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda.

Fuq l-ispejjeż

51 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) taqta' u tiddeċiedi:

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003, tad-29 ta' Settembru 2003, li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2006, tad-19 ta' Diċembru 2006, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tostakola t-teħid inkunsiderazzjoni, bħala ettari eliġibbli għall-benefiċċju tal-għajnuna għaż-żona għal ġuta, żoni ta' mergħat permanenti ddikjarati minn bidwi li jeċċedu ż-żona ta' mergħat permanenti meħuda inkunsiderazzjoni inizjalment fid-determinazzjoni tal-ammont tad-drittijiet tiegħu għall-pagament għal kull ettaru, sakemm dan tal-aħħar ma jistabbilixxix li l-imsemmija żoni effettivament jintużaw għall-bżonnijiet ta' trobbija li huma proprji għar-razzett matul l-imsemmija ġuta.

Firem